# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 25 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru: 151/2014 CSH**

**Montebello Enterprises Limited (C 12199)**

**vs**

**Paolo Soldi u Nathalie Frendo**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' April 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u solidalment bejniethom is-somma ta' tlett elef, hames mija u tnejn u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€3,542.79c) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz dovut lis-socjeta' rikorrenti dwar il-bejgh li sar minnha a favur taghhom tal-Isuzu *freezer truck* bin-numru ta' registrazzjoni KBH-798.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-risposta ta' Paolo Soldi u Nathalie Frendo li giet ipprezentata fis-16 ta' Mejju, 2014 fejn eccepew is-segwenti:

1. *"Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur u kwalsiasi ammont pretiz huwa preskritt a tenur tal-Artikolu 2156(F) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll kull azzjoni kambjarja.*
2. *Illi r-rikorrent diga ttenta johrog ittra ufficjali 2455/13 kontra l-intimat fejn talab dan il-bilanc li gie rifjutat mill-intimati.*
3. *Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat in-nota tal-konvenuti Paolo Soldi u Nathalie Frendo li giet ipprezentata fit-18 ta' Gunju 2014 li permezz taghha esebew kopja tal-ittra ufficjali 2455/13 ipprezentata minn Montebello Enterprises Limited kontra l-intimati illi turi *icto oculi* illi l-intimati m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur stante illi l-azzjoni kambjarja kienet preskritta a tenur tal-Ligi stante illi kienu skadew iktar minn hames snin mill-hrug tal-kambjali, kif jirrizulta mid-dokument anness skond Dokument PS1 u PS2 annessi.

Illi l-kambjali kellhom jithallsu sad-9 ta' Dicembru 2008, kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dokument PS3. Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fid-29 ta' April 2014 biex b'hekk kienu ghaddew iktar minn hames snin u nofs ghal gbir tad-debitu pretiz.

Illi huma m'ghandhom jaghtu xejn lir-rikorrenti.

**Carmel Montebello,** prodott mill-konvenuti xehed fit-18 ta' Gunju 2014 fejn gie muri Dokument PS1 u kkonferma li huwa d-direttur tas-socjeta' attrici. Huwa ma jafx li s-socjeta' attrici pprezentat ittra ufficjali. Ix-xhud gie muri Dokument PS3 u spjega li dan id-dokument huwa mahrug mis-socjeta' attrici

pero' l-firma fuqu ma jafx ta' min hi u jrid jivverifikaha. Huwa spjega li Joanne Farrugia Montebello hija ohtu u tahdem fil-kumpanija attrici. Dak iz-zmien hija kellha wkoll xi ishma ghal perjodu ta' Ottubru 2013. Huwa kkonferma li l-ahhar firma fuq dan id-Dokument PS3 pero' hija l-firma tieghu. Mistoqsi x'inhi d-data tal-*contract details* muri fuq dan id-dokument wiegeb illi hija t-28 ta' Novembru tas-sena 2005 pero' huwa jixtieq nivverifikaha. Mistoqsi jekk hargux xi ittra ufficjali ohra qabel Ottubru 2013 u cioe' dik li hija nserita fl-atti wiegeb illi jrid jivverifika ghaliex ma jafx bl-amment.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici Montebello Enterprises Limited li giet ipprezentata fis-17 ta' Settembru, 2014 li permezz taghha esebiet affidavit ta' Joanne Farrugia Montebello.

**Joanne Farrugia Montebello** ddikjarat li hija tahdem mal-kumpanija Montebello Enterprises Limited u tokkupa l-kariga ta' *accounts clerk*. Xoghlha jikkonsisti li tara li min ghandu jhallas lill-kumpanija ma jaqax lura fil-hlasijiet u jkun qed ihallas regolarment skont kif miftiehem maghhom. Hija spjegat li din il-kumpanija hija tal-familja taghha.

Ix-xhud spjegat ukoll li fit-28 ta' Novembru 2005, certu Paolo Soldi u Nathalie Frendo kienu xtraw minghand il-kumpanija attrici vettura tal-marka Isuzu Freezer Truck, bin-numru ta' registrazzjoni KBH798. Huma kienu xtraw din il-vettura biex juzawha fin-negozju li kienu qed imexxu huma li jikkonsisti f'bejgh tal-laham. Il-prezz taghha dak iz-zmien kien ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000) illum €18,634.98. Ix-xhud qalet li Soldi u Frendo kienu hallsu s-somma ta' Lm 2,000 bhala depozitu akkont tal-prezz, u ghal bilanc li kien ghad fadal jithallas lahqu ftehim maghhom li bih kellhom ihallsu l-bilanc f'pagamenti ta' Lm193.05 kull xahar (ekwivalenti ghal €449.68). L-ewwel pagament kellu jsir fid-9 ta' Jannar 2006 u mbaghad kellhom jibqghu jhallsu kull xahar sakemm jinqata' l-bilanc kollu.

Ix-xhud iddikjarat li fil-bidu Paolo Soldi u Nathalie Frendo bdew ihallsu b'mod regolari pero' wara sena bdew il-problemi. Meta kien wasal il-pagament tad-9 ta' Jannar 2007, dan gie mhallas xahrejn tard fit-2 ta' Marzu 2007 u dakinhar Soldi u Frendo hallsu biss Lm 100 u cioe' Lm 93.05 anqas milli suppost kellhom ihallsu. Minn dakinhar huma bdew ihallsu kemm u meta jidhrilhom, hafna drabi fl-ammont ta' Lm 100 flok Lm 193.05. Huma bdew jaqbzu x-xhur, gieli anke tlieta jew erba' xhur u kull tant zmien kienu jhallsu xi Lm 100 jew €230. Ix-xhud stqarret li kienu jibghatulhom statement regolari kull xahar, kif ukoll kienu jcemplulhom regolarment biex ihallsu.

Wara li waqfu jhallsu x-xhud kellmet lil Nathalie Frendo diversi drabi u hija kienet twiegeb li ser tpoggi l-pagament fil-Bank fl-ahhar tax-xahar fil-kont bankarju taghhom, pero' meta x-xhud kienet ticcekja kienet issib li l-pagament ma kienx ikun sar. L-ahhar pagament kien sar fil-21 ta' Dicembru 2011 fl-ammont ta' €200. Ix-xhud spjegat li llum-il gurnata Soldi u Frendo ghad baqalhom ihallsu s-somma ta' €3,542.79 lis-socjeta' attrici li huwa bilanc fuq il-bejgh tat-trakk, b'zieda mal-imghaxijiet li ghaddew fuq il-bilanc dovut minnhom u xi charges ohra.

Hija sostniet li huma talbuhom sabiex ihallsu kemm-il darba, imma billi Soldi u Frendo baqghu ma hallsux kellhom jidhlu l-Qorti. Ikkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz flimkien mal-imghaxijiet u c-*charges* imsemmija huwa u ghadu dovut lis-socjeta' attrici.

**Carmel Montebello** in kontro-ezami xehed fis-6 ta' Mejju, 2015 fejn mistqosi jekk l-ewwel darba li kien mar sabiex ifittex lil Paolo Soldi kienx mar jitlob l-ghajnuna tal-ufficcju Fenech and Fenech, effettivament kien tkellem ukoll ma' Dr Kenneth Grima fejn spjegalu l-istorja kif kienet u qallu biex ihalli f'idu u kien ha jkellmu hu. Filfatt gimghatejn wara, qallu li kien se jipprova jghinu

ghalkemm Paolo Soldi kien gia klijent tal-ufficcju taghhom. Filfatt kien dejjem qed jistenna li jqabbdu ma' avukat iehor, u kien baghtu ghand Dr Chris Cilia. Ix-xhud mbaghad halla kollox f'idejn Dr Cilia.

Sussegwentement skopra jew ahjar gie mgharraf illi l-mandat li kienu prezentaw waqa' wkoll u infetah ir-rikors odjern u l-mertu ta' din il-kawza u cioe' l-bejgh ta' *Isuzu Freezer Truck* b'numru ta' registrazzjoni KBA798 kien it-tielet negozju li s-socjeta' attrici ghamlet mal-konvenuti.

Ix-xhud stqarr illi Nathalie Frendo li kienet it-*teacher* tat-tifel tieghu kienet marret ghandhom u kien bieghilha Rav 4, u fil-konfront taghha l-pagamenti saru b'mod regolari. Filfatt ir-Rav 4 thallas kollu, m'ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront taghha fir-rigward ta' dik il-karozza.

Sussegwentement qaltlu li kellha l-*boyfriend* taghha li xtaq ikollu karozza sportiva. Filfatt huwa Paolo Soldi u qal li kienu marru ix-*showroom* tieghu flimkien u kien biegh lilu Toyota MRS li kien bieghha lil Paolo Soldi in solidum ma' Nathalie Frendo ghaliex lilu ma kienx jafu u ghalhekk il-kambjali kienu gew iffirmati minnhom it-tnejn.

Ix-xhud tenna illi l-pagamenti bdew isiru u sa l-ewwel sena l-pagamenti kienu jsiru b'mod normali. Sussegwentement Paolo Soldi mar jkellmu u qallu li xtaq jixtri trakk *freezer* ghaliex kellu l-intenzjoni li jgib il-laham mill-Italja. Filfatt, kellu trakk friza u bieghulu u dan huwa l-mertu tal-kawza u cioe' l-Isuzu Freezer Truck numru ta' registrazzjoni KBA798.

Ix-xhud qal li ghal darb'ohra li dan in-negozju sar kemm ma' Paolo Soldi kif ukoll ma' Nathalie Frendo u x-xhud gie muri l-ftehim ezebit fl-atti datat 28 ta' Novembru 2015 li jinsab inserit fl-atti a fol 30. Ix-xhud stqarr li dan jikkoncerna l-bejgh tal-*Isuzu Freezer Truck* u meta gie mistoqsi jekk sa dak iz-

zmien l-pagamenti fuq il-vettura l-ohra kienux qed isiru b'mod regolari, wiegeb illi iva u ghalhekk kienu jsiru zewg pagamenti, kemm fuq l-MRS kif ukoll fuq l-Isuzu b'mod separat.

Ix-xhud tenna illi in segwitu pero' bdew jaqbzu xi pagamenti kemm fuq l-MRS kif ukoll fuq it-trakk. Pero' l-pagamenti fuq ir-Rav 4 baqghu ghaddejin b'mod normali u kien wasal kwazi biex jinqata' r-Rav 4. Meta bdew jaqbzu l-pagamenti dwar l-Isuzu u l-MRS beda jcempillu u Paolo Soldi beda jghidlu biex jissaportih ftit.

Ix-xhud filfatt qal illi maz-zmien bdew javvicinawh in-nies u bdew idahhlulu xi flieles f'mohhu u jsaqsuh jekk effettivament kienx jaf ma' min ghamel in-negozju u x-xhud kien baghat ghal Paolo Soldi u staqsih jekk setghux jirrangaw xi haga, u effettivament bdew jaghmlu pagamenti kemm b'*cash* kif ukoll *standing order, cheque*.

Ix-xhud kompla jghid illi l-pagamenti bdew isiru b'mod erratiku u l-iskrivani tieghu bdew jaqtghu, isaqsu lilha kif kienu se jinqata' dan id-debitu u kienet tghidlu li jaqtghu l-pagamenti li jkunu dovuti fuq l-MRS u r-*remainder* bilanc li kien ikun dovut jinqata' mill-kont li kien hemm pendenti fuq l-Isuzu u ghalhekk b'hekk kien jithallas il-kambjala u l-MRS u l-bilanc kien imur biex jaqta' parti mill-kambjala li kien ikun dovuta fuq it-trakk u dan skond il-ftehim li kellhon mal-istess konvenuti.

Ir-relazzjoni taghhom kienet miexja normali bla problemi mbaghad spiccajna per ezempju mitejn ewro kull tlett xhur jew mija u ghalhekk il-pagamenti waqghu lura hafna u filfatt bdew icemplu lil Nathalie Frendo u kienet tghidilhom omm Nathalie illi effettivament ma kellhiex x'taqsam maghhom biex ma jcemplux aktar hemmhekk. Filfatt kien mar ifittxu personalment u qalulu li kien harab, pero' reggha bghat in-nies tieghu u sabuh u wara tlett

xhur li jcemplulu l-hin kollu, accetta li jmur l-ufficcju ma' Nathalie Frendo u jitkellmu.

Filfatt qallu li kien lest li jghinu, qallu biex jaghtih lura l-MRS fis-sens li hu jbieghu u meta sar dan id-diskors kien ghad baqa' bilanc dovut lix-xhud 'il fuq minn disat elef ewro fuq l-MRS.

Ix-xhud qal illi l-vettura l-MRS inghatat lura lilu. Jaf li kellha xi hsarat ghaliex kienet wieqfa ghal xi zmien, kellha wkoll licenzji b'lura u hallashom kollha hu u illi l-vettura effettivament inbieghet ghas-somma ta' ghaxart elef.

Ix-xhud esebixxa dokument li l-Qorti qed timmarka bhala Dokument Z li jindika l-bilanc dovut fuq din il-vettura MRS fil-mument meta' giet moghtija lilhom sabiex ibieghuha u ikkonferma sa dak iz-zmien il-vettura kienet tiswa ghaxart elef, mitejn u erbghin. Anzi qal kien baqa' bilanc dovut lilu fl-ammont ta' ten thousand, two hundred and forty seven point eighty eight (10,247.88). Meta gie mistoqsi kemm effettivament huma hallsu spejjez fuq din il-vettura meta giet lura ghandhom wiegeb li fuqu m'ghandux pero' ipprometta li jezebixxi nota biex jindika l-ispejjez li huma hargu fuq din il-vettura.

Ipprometta wkoll illi jezebixxi dokument li jindika l-bejgh li sar in konnessjoni ma' din il-vettura, lil min bieghha u kemm effettivament qalgha taghha.

Effettivament bir-rikavat li qalghu fuq din il-vettura s-socjeta' attrici kien ghad fadlilha debitu. Pero' cio nonostante l-kont ghalquh u kienu gharrfu wkoll lill-konvenuti dwar dan u ghalhekk il-kont dwar l-MRS inghalaq u kien ghad baqa' biss ghalhekk il-kont tal-Isuzu *truck*. Effettivament il-konvenuti kienu jafu b'dan kollu li sar cioe' bin-negozju tal-MRS u kienu iffirmaw ghall-*log book* biex daret il-karozza.

Ix-xhud gie muri dokumenti ezebiti f'dawn l-atti a fol 32 u 33 u cioe' lista ta' pagamenti li saru u qal illi dawn il-pagamenti jirreferu ghal negozju li sar in konnessjoni mal-vettura mertu ta' din il-kawza, l-Isuzu u li hemm l-istess referenza li hemm fuq il-kuntratt u dan huwa l-bilanc li huwa dovut lilhom in konnessjoni mal-Isuzu u r-reference li hemm fil-kuntratt u r-reference li hemm fl-istatement huma l-istess.

Ix-xhud stqarr illi l-kumpanija taghhom kellha rikjesta fejn gew mitluba sabiex jipprovdu tlett vannijiet tal-istess natura. Kellhom tnejn gejjin u ghalhekk ix-xhud cemplet lil Paolo Soldi dwar il-vettura tieghu u ghalhekk filfatt kien cempel lil Soldi biex jgharrfu li kellu bejgh ghal din il-vettura u jekk kienx interessat li jaghtihom dan l-Isuzu lura biex ix-xhud ikun jista' jaghtiha lil dik il-kumpanija li ghamlitlu rikjesta ghal tlett vannijiet ta' dan it-tip.

Ix-xhud tenna li huwa deher interessat pero' minkejja dan ghaddew xahrejn u Soldi kien ghamel il-vann registrat f'isem kumpanija Panama. Ix-xhud filfatt kien anki sahansitra ffirmalu t-*transfer* biex il-vann jittiehed u jigi moghti lilhom. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan id-dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument X. Effettivament kien iffirmalu karta li giet mmarkata bhala Dokument X fejn indika li huwa ma kellux oggezzjoni ghall- bejgh ta' dan il-vann. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan il-*log book* ta' dan il-vann li gie mmarkat bhala Dokument Y.

Filfatt meta x-xhud imbaghad tkellem mieghu u qallu ghaliex kien qed idum biex jaghtihom dan il-vann qallu li effettivament dan il-vann kien gie maqbud permezz ta' kumpanija ohra fejn allegatament irrizulta illi il-konvenut kien debitur ta' din l-istess kumpanija u sussegwentement staqsih jekk kienx gharraf lill-kumpanija l-ohra li ma setghux jaqbdu dan il-vann ghaliex effettivament il-vann kien gie mwieghed lilu. Illum-il gurnata dan il-vann

jinsab f'idejn konsenjatarju u ma jixtieqx jigi rilaxxat minnu u qal illum-il gurnata m'ghadx ghandu nteress f'dan il-vann ghaliex il-vann huwa zarmat.

Mistoqsi jekk wara d-9 ta' Ottubru 2008, kienx ghad hemm dejn fuq karozzi ohra wiegeb li ghad irid jivverifika. Ix-xhud esebixxa *statement, settlement report* li jikkoncerna l-hlasijiet kollha li saru in konnessjoni mal-bejgh tal-Isuzu. Dan gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument CSH.

Ix-xhud esebixxa wkoll l-*istatements* rigwardanti Toyota Rav 4 u dan gie mmarkat bhala Dokument CSH1. Waqt li dawk li jikkoncernaw l-MRS huma Dokument Z.

Ix-xhud ikkonferma li kien hareg kambjali fuq il-bejgh tal-Isuzu, l-ewwel kambjala li hareg hija datata 9 ta' Jannar 2006, kif jirrizulta del resto mid-Dokument CSH. L-ahhar pagament li sar fuq l-Isuzu huwa dak muri fl-istess Dokument CSH u cioe' fil-21 ta' Dicembru 2011, fl-ammont ta' mitejn ewro (€200). Skont l-*istatement* ezebit bhala Dokument CSH sal-21 ta' Dicembru 2011 kien ghad kellu jiehu minghand il-konvenuti s-somma ta' eight thousand, seven hundred and sixty five point forty six kif jirrizulta mid-Dokument CSH u ghalhekk meta pprezenta l-ittra ufficjali tieghu ftit aktar tard u cioe' fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2013 kien hemm ukoll iz-zieda minn 21st December 2011 sa dakinhar u ghalhekk l-ammont kellu jikber iktar minn eight thousand seven hundred and sixty five point forty six ghaliex kien hemm l-interessi mizjud mal-ammont.

**Joanne Farrugia Montebello** xehdet in kontro-ezami fl-24 ta' Gunju, 2015 fejn qalet li tokkupa l-kariga ta' *accounts clerk* ghalkemm hija wkoll Direttur tas-socjeta' attrici. Ikkonfermat li taf lil Paolo Soldi peress li kien imur l-ufficcju taghhom biex jaghmel xi pagamenti. Ix-xhud qalet li hija dejjem harget l-ircevutilil Paolo Soldi u Nathalie Frendo. Ikkonfermat wkoll li

effettivament dan kien xtara tliet karozzi. Spjegat li l-karozza Rav 4 Toyota kienet inxtrat minn Nathalie Frendo u llum-il gurnata tinsab imhallsa kollha. Dwar il-vettura l-MRS, qalet li huma kienu haduha lura w ghalhekk pendenzi dwarha ma hemmx. Qalet li meta hadu l-karozza lura, cioe' l-MRS, ma qatghu l-ebda debitu li kien dovut fuq l-Isuzu u kompliet li l-konvenut kien ha l-vettura Isuzu permezz ta' kambjali u l-kambjali hargu fit-28 ta' Novembru 2005. Ikkonfermat li effettivament qabel ma nfethet il-kawza odjerna huma kienu ghamlu ittra ufficjali fejn kienu qed jitolbu l-ammont ta' disat elef, sebgha mija wdisgha w erbghin Ewro u hamsa w sittin centezmu (€9,749.65). Qalet li l-kambjali kellhom jaghlqu fid-9 ta' Dicembru 2008. Giet murija d-dokument ezebit fl-atti mmarkat bhala dokument CSH ezebit fl-atti a fol 47 u spjegat li hemmhekk hemm il-pagamenti li bdew isiru skont ix-schedule. Qalet li l-pagamenti li saru, dawk indikati fid-dokument *settlement report,* huma riflessi li saru abbazi biex jitnaqqas il-pagament dovut fuq l-Isuzu. Insistiet li l-kambjali li effettivament il-konvenut hallas, inghataw lilu ghaliex dawk huma tal-klijent.

Qalet illi Paolo Soldi kien xtara tliet karozzi minn ghandhom, dejjem permezz ta' kambjali u l-kambjali pendenti li ghadhom ma thallsux huma annessi u jifformaw parti integrali mid-Dokument CSH esebit fl-atti. Ikkonfermat illi l-MRS haduha lura fl-14 ta' Gunju 2012 u l-vettura giet stmata fl-ammont ta' ghaxart elef, mitejn u sebgha w erbghin Ewro u tmienja w tmenin centezmu (€10,247.88) kif hemm miktub u indikat a fol 55. Ittenni li l-pagamenti sal-1 ta' Frar 2012 saru fuq l-MRS u minn dakinhar 'il quddiem ma saru l-ebda pagamenti ohra ghalhekk sal-1 ta' Frar tas-sena 2012 kienu qed jaqtghu id-debitu dovut fuq l-MRS. Kompliet li in segwitu, peress li l-konvenut waqa' lura fil-pagamenti, huma hadu lura l-karozza tieghu, cioe' l-MRS. Ikkonfermat li l-pagamenti fuq l-Isuzu ma sarux u baqghu dejjem pendenti. L-ahhar pagament fuq l-Isuzu sar fil-21 ta' Dicembru 2011 fl-ammont ta' mitejn (€200) Ewro. Ghalhekk ikkonfermat li effettivament il-konvenut hallas il-pagamenti

kollha dovuti fuq l-Isuzu salv u b'eccezzjoni l-kambjali li jinsabu esebiti u annessi mad-dokument CSH. Qalet li una volta ma kienx jghaqqad kambjala, naturalment ma kinitx ittih il-kambjala lura.

**Joanne Farrugia Montebello** regghet xehdet fl-1 ta' Lulju, 2015 fejn giet mistoqsija ghaliex fid-dokument esebit fl-atti a fol. 28, cioe' quotation, hemm indikat bhala original value l-ammont ta' sitt elef (€6.000) meta effettivament mill-kuntratt jirrizulta li t-trakk in kwistjoni tal-marka Isuzu Freezer bin-numru ta' registrazzjoni KBH 798, inbiegh tale quale ghall-prezz ta' tmint elef (€8,000). Hija wiegbet li una volta l-klijent ikun ga hallas elfejn ghad-deposit, allura l-kuntratt jibda bl-ammont ta' sitt elef, cioe' bil-valur rimanenti u dan ghaliex dak hu l-ammont li effettivament il-klijent se jkollu fuq hire purchase. Ikkonfermat li fil-21 ta' Dicembru 2011, kien ghad fadal bilanc dovut lilhom fl-ammont ta' €8765.46, kif ukoll li fl-14 t'Ottubru, 2013 kienet giet prezentata ittra ufficjali fejn Montebello Enterprises Limited kienet talbet l-ammont ta' €9749.65, kif jidher mill-istess ittra ufficjali esebita fl-atti a fol. 13. Qalet li dan l-ammont jinkludi l-interessi. In segwitu' saret il-kawza ghas-somma ta' €3,542.79 u spjegat li effettivament dan kien is-sorte li kien ghadu dovut fuq il-bejgh ta' din il-vettura. Qalet li d-differenza huwa l-imghax u li effettivament l-imghax u l-ispejjez ukoll intalbu fir-rikors promotur.

Rat ir-risposta ulterjuri ta' Paolo Soldi u Nathalie Frendo pprezentata fid-9 ta' Lulju, 2015 fejn esponew:

1. *Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni odjerna hija wkoll preskritta a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw iz-zewg eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni u cioe' dik moghtija mill-konvenuti fir-risposta taghhom fejn ecccepew il-preskrizzjoni ai termini ta' l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta u dik moghtija aktar tard permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ai termini ta' l-**Artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta u dan fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 fejn wara talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari taghha.

Rat in-nota ta' riferenzi pprezentata mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Ottubru 2015.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ai termini ta' l-**Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16** u cioe' li l-azzjoni hija preskritta b-gheluq ta' hames snin.

Illi l-**Artikolu 2156 (f)** tal-Kodici Civili jghid hekk:

"*L-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin.*"

Illi bhal kull eccezzjoni ohra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva. Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taht l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis.*

Ghaldaqstant, il-kelma "*kreditu*" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' *eiusdem generis,* tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra imsemmija fl-**Artikolu 2156.** F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti imsemmija fl-**Artikolu 2156** ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Prim'Awla tal Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino'</u>** deciza fid-19 ta' Ottubru 1954, fejn inghad illi:

"*Jidher illi l-krediti imsemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus. Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus.*"

Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti, jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus.

Issa fil-kaz in dezamina ma hemmx dubbju li t-talba hija wahda li tikkoncerna wahda ta' flus  pero' jirrizulta car li l-ahhar pagament akkont

li kienu ghamlu l-konvenuti fuq il-vettura Isuzu kien fil-21 ta' Dicembru 2011 kif jirrizulta mid-dokument CSH esebit fl-atti a fol. 47 u l-kawza odjerna giet istitwita fid-29 ta' April 2014 u ghalhekk zgur entro it-terminu ta' hames snin.

Il-konvenut eccepew ukoll l-preskrizzoni ai termini ta l-**Artikolu 2148 (b) tal-Kap.16** li ighid liema azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni ta` tmintax (18)-il xahar. Fosthom hemm is-subinciz (b) li jaqra hekk – l-azzjonijiet ta` kredituri ghall-prezz ta` merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.

Illi huwa xieraq li l-Qorti, tistħarreg is-siwi tal-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni u cioe' dik moghtija nhar id-9 ta' Lulju 2015. Il-konvenuti jiddikjaraw li dik l-eccezzjoni qed isejsuha fuq l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili li jitkellem dwar azzjonijiet ta' kreditu li kif gja ntqal jaqgħu bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il (18) xahar għall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew ħwejjeg oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut. L-konvenuti thajru iresqu din l-eccezzjoni sewwasew wara li l-partijiet kienu ressqu l-provi taghhom u l-kawza kienet waslet fi stadju ahhari.

Fl-ewwel lok, jidher car li l-karozza li s-socjeta' attrici qiegħda titlob il-ħlas tal-bilanc ta' prezzha, nxtrat bin-nifs, tant li sar qbil li l-konvenuti kellhom jħalsu il-prezz f'rati kull xahar. Xiri ta' ħaga bin-nifs u li tiddependi mit-trasferiment tal-proprjeta' biss meta jitħallas il-prezz miftiehem ma jgħoddx għaliha ż-żmien preskrittiv imsemmi fl-eccezzjoni taħt eżami[1], u dan aktar u aktar meta fl-okkażjoni tal-imsemmi negozju tkun saret kitba biex tixhed il-ftehim. L-eżistenza ta' dik il-kitba tnissel, jekk xejn, żmien preskrittiv ieħor minn dak li jgħodd għalih l-artikolu li fuqu l-konvenuti isejsu din l-eccezzjoni;

[1] Ara P.A. 24.10.1964 fil-kawża fl-ismijiet 'Cremona noe vs Farrugia' (Kollez. Vol: XLVIII.ii.1224)

Illi, fit-tieni lok, ma jidhirx li huwa l-każ li l-bejgħ mertu ta' din il-kawża jista' jitqies bħala bejgħ bl-imnut. Generalment, biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu.[2] Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaga mixtrija.[3] Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummercjant ieħor.[4] Madankollu, meta wieħed iqis għamla ta' negozju bħal dak li għamlu bejniethom is-socjeta' attrici u l-konvenuti, wieħed ma jsibx li dan jikkwalifika bħala bejgħ bl-imnut u għalhekk ukoll l-**Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili** ma kienx jgħodd għalih;[5]

Illi, fit-tielet lok, ukoll kieku wieħed kellu jasal biex jgħid li l-**Artikolu 2148(b)** kien jgħodd għall-każ, ma jistax jingħad li t-talba attrici waqgħet bil-preskrizzjoni ladarba jirrizulta li l -konvenuti baqghu jwetqu ħlasijiet b'rati sal-21 ta' Dicembru 2011 minħabba l-ħlasijiet akkont tad-dejn, u s-socjeta' attrici kienet interpellathom b'ittra ufficjali fl-4 ta' Ottubru 2013 u l-kawza giet proposta fid-29 ta' April 2014 dan ifisser li l-att gudizzjarju kien għal darb'oħra kiser kull żmien preskrittiv relattiv;

Illi l-partijiet pero' trattaw il-kwistjoni kif sollevata minn Dr Robert Abela ghas-socjeta' attrici li dan l-artikolu tal-preskrizzjoni kif sollevati mill-

---

[2] P.A. 25.4.1964 fil-kawża fl-ismijiet 'Delia noe vs Testaferrata Abela' (Kollez. Vol: XLVIII.ii.959)
[3] Kumm. 5.6.1951 fil-kawża fl-ismijiet 'Cini vs Debono' (Kollez. Vol: XXXV.iii.613)
[4] Ara, per eżempju, App. Civ. 18.1.1993 fil-kawża fl-ismijiet 'Fenech noe vs Camilleri' (Kollez. Vol: LXXVII.ii.17
[5] Ara P.A. JZM 28.1.2010 fil-kawża fl-ismijiet 'Geranzio Azzopardi vs Carmelo Beżżina et' (appellata) għal każ li jixxiebah fejn tqieset l-istess preskrizzjoni.

konvenuti ma japplikawx in principju u dan ghaliex l-avukat difensur ma talabx lill-patrocinati tieghu sabiex jiehdu il-gurament decisorio kif stabilit fl-**Artikolu 2160 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-artikolu 2160(1) tal-Kap 16** jghid:

"2160. (1) *Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il- ħaġa ġietx imħallsa*."

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tikkwota minn sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella fl-14 ta' Jannar, 2013 (Avviz Numru 18/12) fl-ismijiet '**Kinetix IT Solutions Limited vs Advanced Business Solutions Limited'** fejn inghad:

"*Il-guramento decisorio, trattat fil-Ligi nostrali taht l-**Artikolu 2160 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta, igorr mieghu konsegwenzi legali ben specifici fl-eventwalità li r-risposta tad-debitur ghad-domanda posta mill-kreditur* (sottolinear ta din il-Qorti) *ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi tkun li ma huwiex fil-fatt debitur tieghu jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. In effetti f'tali cirkostanza l-Qorti tkun kostretta tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tichad it-talba tal-kreditur ghall-hlas."*

*Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet '**Zammit & Cachia Trading Co. Ltd. et vs Francis Mizzi',** Appell Civili Nru. 1440/04 deciza mill-Qorti ta' lAppell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005, fejn gie osservat illi l-**Artikolu 2160 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "l-*

*preskrizzjonijiet imsemmija fl-**artikoli 2147, 2148, 2149, 2156** u **2157,** m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa".*

Fil-kumment tieghu fid-decizjonijiet fl-ismijiet "A**vv. Dr. Filippo Buttigieg vs Domenico Azzopardi**" Qorti Civili, Prim'Awla, 11 ta' Dicembru, 1947, l-Onor. Imhallef Tancred Gouder jenuncja li *"ddisposizzjoni ta' **l-Artikolu 2265** (illum 2160) tal-Kodici Civili taghna hija dissimili mid-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan. Ghal dak il-Kodici, di fatti, il-gurament deferit lid-debitur li jopponi dawn il-preskrizzjonijiet brevi, huwa intiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodici Civili taghna l-formula tal-gurament li jigi deferit lill-pretiz debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa."*

L-ewwel parti tikkomprendi tant il-mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-hlas; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwestjoni l-estinzjoni taghha. Ghalhekk filwaqt li ghall-Kodici Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitur, skond il-Kodici taghna dawn l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anki mal-kontestazzjoni tad-debitu".

Issokta jigi precizat mill-istess Imhallef insenji fis-sentenza "**Vincenzo Cauchi vs Giovanni Scerri",** Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955, illi

*"fil-kaz li d-debitur jaghzel li jahlef skond l-ewwel alternattiva, l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta jekk ma jahlefx li mhux debitur. Jekk hu*

*jahlef li ma jafx li ghandu jaghti, il-gurament tieghu ma jiswiex biex isostni l-preskrizzjoni, ghax li ma jafux li l-haga ghadha dovuta jistghu jahilfu biss il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-ohrajn li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minn dik il-persuna.*"

Ghall-kompletezza tal-kwadru fuq din it-tematika, il-gurisprudenza taghna tipprovdi dawn ir-riljievi:

(1) "*Imiss lill-parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddeferixxi l-gurament lill-eccipjent. Jekk hi ma tiddeferrix il-gurament il-Qorti ma tistax tordnah ex officio* – "**Diego Attard nomine vs Angelo Fenech**" Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965;

(2) "*Bhala regola generali d-dilazzjoni ta' dan il-gurament minhabba n-natura tieghu, ghandha ssir wara li jkunu gew maghrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni jew sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun giet eccepita, u mhux qabel* – "**Inginier Francesco M. Caruana vs Konti Francesco Sant Cassia et nomine**" Appell Civili, 11 ta' Ottubru, 1940;

(3) "*Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata liddebitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova lmezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitu*r" – "**Vincenzo Vella v. Carmela armla Sciberras**" Qorti Civili, Prim' Awla, 16 ta' Jannar, 1963; "**Salvatore Jacono vs Vincenza vedova Serra**" Appell Civili, 4 ta' Frar, 1927;

(4) *"Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lillkonvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-**Artikolu 2265(1)** (illum 2160(1)] Kodici Civili –* **"Tabib Principali tal-Gvern vs Giorgina Musca**t" Appell Inferjuri, 8 ta' Marzu 1978." Ara wkoll **Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Emanuel Aquilina nomine et**, Prim'Awla, 14 ta' Dicembru, 2001; **FX Borg Furniture Limited vs Sandro Galea,** Prim'Awla, 7 ta' April, 1998.

Fil-kaz in ezami jigi osservat li l-konvenuti ma hadu ebda gurament fejn stqarrew li mhux debituri jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa. Jinghad ukoll li anzi l-istess atturi accettaw l-istat ta' fatt ghalkemm imputaw kollox lill-konvenuti li ma hadu ebda gurament kif imsemmi fl-**Artikolu 2160. Dan iwassal ghall-fatt li l-Artikoli 2148(b) u l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 m'ghandhomx ikollhom effett fil-kaz prezenti u konsegwentement dawn iz-zewg eccezzjonijiet qed jigu michuda u l-Qorti tordna prosegwiment tal-kawza.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**